



Brussell, 11 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6919/21

LIMITE

AGRI 129
AGRIFIN 33
AGRIORG 32
AGRISTR 20
CODEC 353
CADREFIN 126

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0217(COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	9634/18 + COR1 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 - <i>Thejjiġa tad-dibattitu tal-Kunsill</i>

I. INTRODUZZJONI

- Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni pproponiet riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Il-pakkett ta' riforma jinkludi proposta għal Regolament ġdid dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK (minn hawn 'il quddiem: ir-Regolament Orizzontali). Filwaqt li titqies l-esperjenza pożittiva bil-funzjonament tar-Regolament Orizzontali attwali 1306/2013, il-proposta essenzjalment iżżomm l-elementi, li qed jaħdmu tajjeb, bħall-korpi ta' governanza fl-Istati Membri. Madankollu, ir-Regolament jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jiġi allinjat mal-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid (NDM) propost u mal-bidla fil-politika lejn il-“prestazzjoni”, li huma objettivi li l-Kunsill jappoġġa.

2. Fil-21 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill “Agrikoltura u Sajd” qabel dwar Approċċ Ġenerali dwar ir-riforma tal-PAK, inkluż dwar ir-Regolament Orizzontali¹. Fit-23 ta' Ottubru 2020, il-Parlament Ewropew ikkonkluda l-vot dwar il-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu. Bil-mandati miksuba, l-istituzzjonijiet impenjaw ruħhom fil-proċess ta' negozjati informali.
3. Fl-10 ta' Novembru 2020, sar l-ewwel trilogu dwar it-tliet proposti ta' riforma tal-PAK u minn dak iż-żmien 'l hawn, saru erba' trilogi ddedikati dwar ir-Regolament Orizzontali fl-4 u fit-18 ta' Diċembru 2020, u fid-29 ta' Jannar u t-2 ta' Marzu 2021. Il-ħames trilogu huwa ppjanat li jsir fil-25 ta' Marzu.
4. In-negozjati mal-Parlament Ewropew huma bbażati fuq 8 raggruppamenti ta' Artikoli interrelatati relatati mas-suġġetti li ġejjin: (1) Korpi ta' governanza, (2) Ġestjoni finanzjarja, (3) Qafas ta' prestazzjoni u Mudell ta' implimentazzjoni ġdid, (4) Kontrolli mill-Kummissjoni, sistemi ta' kontroll u penali, (5) Trasparenza u awditjar, (6) Riżerva agrikola, (7) Kondizzjonalità, u (8) Oħrajn.

II. IS-SITWAZZJONI ATTWALI

5. B'mod ġenerali, sar progress tajjeb fid-diskussjonijiet tat-trilogu mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Intlaħqu ftehimiet proviżorji dwar ir-raggruppamenti li ġejjin b'mod partikolari:
 - Intlaħaq qbil ġenerali dwar ir-raggruppament dwar il-Korpi ta' Governanza. Meta wieħed iqis li l-korpi ta' governanza fl-Istati Membri wrew li qed jiffunzjonaw tajjeb, l-istituzzjonijiet ġeneralment jikkondividu l-oġettiv li jinżamm l-istatus quo hawnhekk u li jipprevedu l-kontinwazzjoni tal-arranġamenti attwali. Madankollu, għal raġunijiet strettament legali, il-PE insista fuq ordni ġdida għall-artikoli rilevanti fejn kull korp ikun indirizzat f'artikolu separat.

¹ Ara d-dok. 12151/20.

- Fir-rigward tar-raggruppament dwar il-Ġestjoni Finanzjarja, hemm qbil fil-prinċipju dwar il-limitu ta' EUR 2000 għad-dixxiplina finanzjarja. Madankollu, l-ambitu ġenerali tad-dixxiplina finanzjarja jeħtieġ li jiġi diskuss aktar peress li l-PE jitlob għal eżenzjoni mid-dixxiplina finanzjarja għar-reġjuni ultraperiferiċi, li l-Kunsill ma jistax jappoġġa. Il-Parlament qabel mal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-pagament tal-avvanz peress li din toffri flessibbiltà. Fir-rigward tal-emendi relatati mal-QFP proposti mill-PE dwar ir-rati ta' prefinanzjament u r-regoli ta' diżimpenn awtomatiku, il-Kunsill mhuwiex lest li jerġa' jiftaħ id-dibattitu dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP minn Lulju 2020 għalkemm il-PE huwa tal-opinjoni li dispożizzjonijiet settorjali speċifiċi mhumix parti mill-pakkett tal-QFP.
- Fir-rigward tar-raggruppament dwar it-Trasparenza u l-Awditjar, intlaħaq qbil dwar il-proposti tal-Kunsill biex id-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza fir-Regolament Orizzontali jiġu allinjati teknikament mar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi u r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. Bil-għan li jipprovdi aktar trasparenza, il-Parlament irid jinkludi dispożizzjoni fir-Regolament biex jippermetti l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji u l-gruppi/azjendi li jappartjenu għalihom, fejn xieraq. Il-Kunsill jifhem l-importanza politika ta' din id-domanda iżda indika li t-talba tal-PE m'għandhiex tirriżulta f'piż amministrattiv għoli għall-Istati Membri. Aktar diskussjoni hija meħtieġa hawnhekk, anke fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 57 dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (li huwa parti mir-raggruppament dwar il-kontrolli mill-Kummissjoni, sistemi ta' kontroll u penali).
- Dwar ir-raggruppament tal-Kondizzjonalità, l-isfida hija li jinkiseb l-appoġġ tal-PE għall-approċċ tal-Kunsill dwar l-Artikoli 84 sa 87 tar-Regolament Orizzontali. L-emendi tal-Kunsill għandhom l-għan li jsibu l-bilanċ it-tajjeb bejn *l-isforz ta' kontroll tal-kondizzjonalità* u l-ħtieġa li l-affarijiet jinżammu sempliċi u amministrattivament ħfief. L-aktar importanti, u f'konformità mal-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid, *l-isforz ta' kontroll tal-kondizzjonalità* għandu jkun ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-Parlament juri rieda li possibbilment jaċċetta l-approċċ tal-Kunsill bħala kumpens għal ċerti konċessjonijiet mill-Kunsill fir-rigward tal-kampjun ta' kontroll, l-ammont meta ma għandha tiġi applikata l-ebda penali, il-ħsieb intenzjonali wara n-nuqqas ta' konformità, u l-perċentwal(i) li għandhom jiġu applikati għat-tnaqqis.

- Bħalissa qed titwettaq aktar ħidma preparatorja fil-livell ta' esperti tekniċi dwar ir-raggruppament dwar il-kontrolli tal-Kummissjoni, is-sistemi ta' kontroll u l-penali, li għandha tgħin biex jinkisbu riżultati konkreti fil-ħames trilogu fil-25 ta' Marzu. Ir-raggruppament dwar il-Qafas ta' prestazzjoni u l-Mudell ta' implimentazzjoni ġdid ġie indirizzat sa ċertu punt iżda fuq livell ġenerali f'kull wieħed mill-aħħar tliet trilogi. Madankollu, huwa mistenni li dan ir-raggruppament ser ikun il-fokus ta' diskussjonijiet konkreti fit-trilogi tal-25 ta' Marzu dwar ir-Regolament Orizzontali u tas-26 ta' Marzu dwar it-tliet proposti ta' riforma tal-PAK. Ir-raggruppament dwar ir-Riżerva agrikola ser jiġi diskuss fil-ġimgħat li ġejjin.
- Xi elementi tar-raggruppament dwar il-Prestazzjoni u l-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid diġà ġew indirizzati fin-negozjati u wrew li jeżistu differenzi kbar bejn il-PE u l-Kunsill. Il-Parlament jemmen li s-sistema proposta bbażata fuq il-prestazzjoni ma tistax tipprovdi l-assigurazzjoni meħtieġa għan-nefqa tal-PAK u hija nieqsa mill-komunalità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-PAK fl-Istati Membri. Il-PE għaldaqstant jippromwovi r-riintroduzzjoni tas-sistema attwali bbażata fuq il-konformità: l-eliġibbiltà tan-nefqa għar-rimborż mill-baġit tal-UE jeħtieġ li tkun dipendenti fuq il-konformità mal-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-benefiċjarji finali stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. F'diversi okkażjonijiet, il-Kunsill kien tal-fehma li ma jistax jaċċetta *sistema b'żewġ saffi* fejn il-prestazzjoni tkun addizzjonali għas-sistema attwali bbażata fuq il-konformità peress li dan iżid il-piż amministrattiv għall-Istati Membri għal livell inaċċettabbli. Il-Kunsill jappoġġa s-sistema bbażata fuq il-prestazzjoni u l-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid għalkemm aħna nipproponu ċerti modifiki għall-proposta tal-Kummissjoni għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u evitar tal-piż amministrattiv.

L-isfida fin-negozjati ser tkun li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn it-talbiet tal-PE għal assicurazzjoni msaħħa u l-komunalità tal-PAK u x-xewqa tal-Kunsill għal Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid simplifikat u inqas burokratiku għall-PAK. Il-Presidenza fformulat għadd ta' suġġerimenti, li jinvolvu aktar ħidma fuq l-Artikoli 8, 11, 39, 40, 47, 57, 57a sabiex tissodisfa, sa ċertu punt, it-talbiet tal-Parlament, filwaqt li min-naħa tagħha mhu ser issir l-ebda bidla għall-proposta dwar l-Artikolu 35 dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa għall-Istati Membri, jiġifieri r-*rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni* mhux ser jinkludu l-eliġibbiltà fil-livell tal-benefiċjarju.

III. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

6. L-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill dwar ir-Regolament Orizzontali huwa bbażat fuq il-prinċipji li ġejjin: l-ewwel nett, ir-Regolament Orizzontali attwali qed jiffunzjona tajjeb u wera li huwa bażi solida għall-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK. Fi kliem ieħor, m'hemmx bżonn li jinbidel dak li diġà qed jaħdem sew. It-tieni, il-Kunsill jappoġġa l-bidla fundamentali lejn il-Prestazzjoni permezz ta' Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid (NDM). Madankollu, sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet u biex l-affarijiet jinżammu sempliċi kemm jista' jkun, il-Kunsill jipproponi għadd ta' emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. It-tielet, il-Kunsill jopponi *sistema b'żewġ saffi* peress li din iżżid il-piż amministrattiv għall-Istati Membri għal livell inaċċettabbli u tmur kontra l-oġettiv tas-simplifikazzjoni tal-PAK.
7. Il-Presidenza biħsiebha tkompli tiddefendi l-prinċipji msemmija hawn fuq fin-negozjati ulterjuri dwar ir-Regolament Orizzontali dwar kwistjonijiet politikament sensittivi, bħall-prestazzjoni u l-NDM, il-kontrolli tal-kondizzjonalità u l-penali u r-riżerva agrikola.
8. Fil-laqgħa tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA) tat-8 ta' Marzu, l-Istati Membri esprimew ruħhom dwar tliet kwistjonijiet speċifiċi. Abbażi tad-diskussjonijiet fil-KSA, u bil-ħsieb li jiġu approssimati l-pożizzjonijiet fin-negozjati interistituzzjonali, il-Presidenza għamlet għadd ta' suġġerimenti bil-għan li tipprovdi bażi għall-progress lejn pakkett ta' kompromess ġenerali. Fil-Kunsill, u b'kont meħud tal-ispegazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Ministri huma mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar is-suġġerimenti tal-Presidenza, sabiex jgħinu biex jiġu stabbiliti l-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu fin-negozjati ulterjuri dwar ir-Regolament Orizzontali:
 - Il-proposta ta' kompromess tal-PE (Artikolu 96), li tobbliga lill-benefiċjarji tal-Fondi jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-identifikazzjoni tagħhom, inkluż, fejn applikabbli, l-identifikazzjoni tal-grupp li jappartjenu għalih.² B'kont meħud li l-obbligu li tingħata informazzjoni jaqa' prinċipalment fuq il-benefiċjarji b'piż amministrattiv limitat għall-Istati Membri, il-Presidenza tissuġġerixxi li tittieħed pożizzjoni pożittiva lejn il-proposta ta' kompromess reċenti tal-PE.

² Ara d-dok. 6704/21 għal spjegazzjoni dettaljata tal-proposta ta' kompromess tal-Parlament.

- Il-proposta tal-Kummissjoni (Artikolu 57), li tagħmel l-użu tas-sistema ARACHNE bħala għodda unika ta' estrazzjoni ta' data obbligatorja sabiex tivverifika, tirreġistra u taħżen informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet jew il-persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw minn finanzjament tal-UE.³ Filwaqt li l-użu ta' għodda komuni u unika ta' estrazzjoni ta' data jippermetti l-interoperabbiltà u l-komparabbiltà tad-data, u konsegwentement jappoġġa l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, iżda meta jitqies li huwa meħtieġ aktar żmien biex tiġi ttestjata l-għodda fil-kuntest speċifiku tal-PAK, il-Presidenza tissuġġerixxi li, fl-ewwel istanza, l-użu ta' dik l-għodda għandu jkun volontarju għall-Istati Membri matul perijodu tranżitorju.
- Il-kwistjonijiet involuti fir-rigward tal-isforz ta' kontroll tal-kondizzjonalità mill-Istati Membri (l-Artikoli 84 - 87) u l-konċessjonijiet li l-Parlament jistenna li l-Kunsill jagħmel fir-rigward tal-kampjun ta' kontroll, l-ammont meta ma għandha tiġi applikata l-ebda penali, il-ħsieb intenzjonali wara n-nuqqas ta' konformità, u l-perċentwal(i) li għandhom jiġu applikati għat-tnaqqis. Fir-rigward ta' dawk it-talbiet tal-PE, il-Presidenza tissuġġerixxi li: jinżamm il-1 % tal-benefiċjarji għall-kampjun ta' kontroll, kif propost mill-Kummissjoni (Artikolu 84(3)); li jiġi aċċettat l-ammont ta' EUR 100, kif propost oriġinarjament mill-Kummissjoni (Artikolu 85(2)); li jiġi aċċettat l-Artikolu 86(1) kif oriġinarjament propost mill-Kummissjoni u li jitneħħew il-kliem "*jekk l-Istati Membri jiddeċiedu dan*"; sa)); li jiġi aċċettat l-Artikolu 86(2) kif oriġinarjament propost mill-Kummissjoni, jiġifieri "tnaqqis ta' 3 % bħala regola ġenerali".

³ Għal spjegazzjoni dettaljata tal-proposta tal-Kummissjoni, ara d-dok. 6704/21 u WK 12512/2020. Il-kummenti tal-Istati Membri dwar il-proposta tal-Kummissjoni jinsabu fid-dokument WK 10645/2020 ADD 1-17.